MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 5/2012

**Dr Stefan Zrinzo Azzopardi**

**vs**

**Vincent Micallef ezercenti fil-kummerc bl-isem Simblu Diesel Services**

Il-Qorti

**Rat** li fis-27 ta’ April 2012 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta’ Mejju, 2009 fejn ir-rikorrenti talab danni ta’ elf u mitt ewro (€1,111), rapprezentanti prezz ta’

pompa tad-diesel li minkejja li kienet inxtrat minghand l-intimat, kellha l-hsara.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimate, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirksotazi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti

Ir-rikorrenti issottometta bil-miktub illi huwa kien ha l-vettura tieghu ghand il-mekkanik Ludwig Borg fejn infurmah li kellha tinbidel il-pompa tad-diesel, liema pompa inxtrat minghand l-intimat u minkejja li nbidlet darbtejn xorta baqa' bid-difett fil-karozza. Ir-rikorrenti kellu jiehu l-karozza ghand Muscat Motors bl-ispiza ta' elf u mitt ewro (€1,100) kawza ta' xoghol hazin maghmul mill-intimat.

L-intimat issottometta illi l-hsara saret ghand Muscat Motors, meta xi hadd pogga l-magna '*ín gear'* u prova jistartja u b'hekk ikkaguna l-hsara.

It-Tribunal jinnota illi:

It-Tribunal wara li sema' l-partijiet u ra l-provi, jinnota illi Ludwig Borg kien l-ewwel persuna ghand min ittiehdet il-vettura sabiex tinbidel il-pompa tad-diesel, u l-pompa tad-diesel inxtrat minghand il-konvenut u wara ftit irrizulta li kienet difettuza, u l-konvenut zarma l-karozza sabiex isiru x-xoghlijiet mehtiega.

Ir-rikorrenti ssottmetta li l-hsara giet ikkagunata mill-fatt illi l-bolt ma tnehhix minn min wahhlu bil-konsegwenza li saru hsarat estizi fil-magna.

L-intimat jaccetta l-fatt illi l-vettura giet ghandu sabiex tigi rrangata, u minhabba l-fatt li ma kellux il-pompa l-qadima, l-konvenut kellu bilfors jillokja l-magna, u dan billi dahhal

pin f'toqba appozita fil-magna biex ma ddurx u d-danni graw minhabba l-fatt illi l-magna pruvat tigit strartjata.

It-Tribunal, rigward l-ewwel eccezzjoni jichad din l-eccezzjoni tal-kompetenza stante li kien hemm kuntratt dirett bejn ir-rikorrenti u l-intimat, u s-servizz inghata lir-rikorrenti.

Rigward id-danni, t-Tribunal jinsab iffacjat b'zewg verzjonijiet, wiehed tar-rikorrenti fejn qed jigi sottomess illi kien l-intimat li kkawza l-hsara u dak tal-intimat fejn qieghed jghid li giet ikkawzata l-hsara minhabba l-fatt li xi hadd prova jistartja jew imbotta l-karozza.

It-Tribunal qieghed jaghti iktar enfasi fuq ix-xhieda ta' rapprezentant ta' Muscat Motors li huwa l-ktar wiehed indipendenti fejn qal illi sabu l-*camshaft* maqsum, illi dan jirrizulta li huwa t-tort tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda kollha u wara li ra n-nota ta' sottomissjonijiet, jikkundanna lill-intimat Vincent Micallef ezercenti fil-kummerc bl-isem Simblu Diesel Services, sabiex ihallsu l-ammont ta' elf ewro (€1,000) favur ir-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**Rat** li l-intimat Vincent Micallef, ezercenti l-kummerc bl-isem Simblu Diesel Service, hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-intimat appellant fejn gie premess:-

"Illi sintentikament fil-qosor l-aggravji ta' l-esponenti huma s-segwenti:-

(a) illi t-Tribunal ma kellhiex gurisdizzjoni u kompetenza li tisma' l-kawza odjerna;

(b) Illi t-tribunal ghalhekk fil-konsiderazzjonijiet tieghu spjega li kien qieghed jichad l-eccezzjoni ta' kompetenza (gurisdizzjoni) mressqa mill-intimat naqqas li jinkludi din id-decizjoni bhala kap separat fid-dispositiv tas-sentenza;

(c) Illi t-Tribunal agixxa kontra r-regoli tal-gusitizzja naturali billi fost ohrajn (a) ma ppermettiex il-prezentata ta' dokumenti li juri li n-negozju in kwistjoni kien sar kollu kemm hu bejn l-esponenti appellanti u l-mechanic Ludwig Borg u ghalhekk mhux mal-konsumatur; u (b) jirrizulta mis-sentenza li minkejja dak li nghad ma ttehidx konjizzjoni pjeni tax-xhieda kollha billi x-xhieda ta' nies ohra indipendenti (fosthom dak *tat-towing* mqabbad minn Ludwig Borg) ma kienx ikkunsidrat u lanqas imsemmi fis-sentenza;

(c) it-Tribunal ma zammx mat-talbiet attrici;

(d) Illi t-talbiet attrici gew imnaqsa artificjalment taht il-valur ta' 1,200 Euro sabiex icahadu l-esponenti mid-dritt shiha ta' l-appell a tenur ta' l-artikolu 22(3) tal-Kap 378;

Illi qabel xejn l-esponenti xtaq jissenjala s-segwenti:-

Illi l-attur kien talab il-hlas ta' danni rapprezentanti "spejjez inkorsi rnir-rikorrent a kawza tax-xoghol hazin tal-intimat jew nies imqabda minnu" u dana wara li l-attur kien spjega li kien ta' l-vettura tieghu lil mechanic Ludwig Borg. Dan il-mechanic kien xtara pompa minghand l-esponenti izda kienet diffettuza u kellha tinbiddel darbtejn. Fl-ahhar *"Ludwig Borg a nom tar-rikorrenti ikkonsenja l-vettura lill-intimat u wara li ghamel tentattivi li biha giet ikkagunata l-hsara kellha tittiehed ghand Muscat Motors u r-rikorrenti inkora spejjez ta' aktar minn €1000 a kawza ta' xoghol hazin maghmula mill-intimat jew nies imqabda minnu."*

Illi l-esponenti eccepixxa fl-ewwel lok il-kompetenza tat-Tribunal billi 1-kaz ma kienx jitratta negozju ma konsumatur izda bejn negozjanti u fit-tieni lok, fil-mertu, li l-hsarat sehhew minhabba terzi inkarigati jew minn Ludwig Borg u/jew Muscat Motors.

IIlli l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

fil-bidu tas-sena 2008 l-attur kellhu problemi bil-vettura tieghu u kien hadha ghand il-mechanic tal-fiducja tieghu, Ludwig Borg. Dan Borg kien infurmah li kien hemm bzonn li jinxtara pompa tad-diesel gdid. Ghalhekk Borg ikkonsenja l-vettura lill-Vincent Micallef noe appellanti. L-appellanti kien biddel il-pompa tal-vettura, izda rrizulta li din il-pompa ma sewwietx il-hsara li kien hemm fil-vettura. Ghalhekk wara li kkonsulta ruhhu ma Ludwig Borg, gie deciz li l-appellanti jerga' jiehu l-pompa li nstalla u l-vettura tinbghat ghand l-Agent, Muscat Motors, sabiex isiru x-xogholijiet mehtiega.

Jirrizulta li l-esponenti appellanti nehha l-pompa kif kien rikjest minnu, u billi l-vettura ma kellhiex pompa llokja l-magna skond is-sengha. Ludwig Borg bghat persuna *tat-towing* sabiex jigbor il-vettura u jikkonsenja 1-istess ghand Muscat Motors. Il-vettura giet konsenjata ghand Muscat Motors. Ftit wara meta nfethet minghand *il-mechanics* ta' Muscat Motors u rrizulta li l-vettura kellha hsarat kbar fil-magna liema hsarat kienu juru li xi hadd ipprova jixghel il-magna waqt li kienet *locked.*

Illi l-aggravji ghalhekk jikkonsistu fis-segwenti:

(a) Illi fl-ewwel lok it-Tribunal ma kellhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' 1-kawza.

Fil-fatt jirrizulta li ma kien hemm l-ebda rapport ta' negozju dirett bejn il-konsumatur, ir-rapport kien dejjem bejn il-mechanic tal-

konsumatur
(negozjant) u l-appellanti.

Il-vettura nghatat mill-konsumatur lill-Ludwig Borg, u ghalhekk dan Ludwig Borg kien responsabbli ghall-vettura, u kien dan l-istess Borg li ghamel l-arrangamenti kollha rigwardanti l-vettura. Dan jirrizulta anke mid-dokument kopja ta' liema hija hawn annessa bhala dokument *"A"* *l*i juri li l-esponenti appellanti rrifonda l-flus lil Ludwig Borg u mhux lill-attur appellat. Is-servizzi ta' l-esponenti inghataw lil negozjant iehor, u cioe lil *mechanic.* Ma kien hemm l-ebda rapport dirett jew indirett bejn 1-appellanti u l-attur.

Fir-realta' r-rapport ta' konsumatur kien bejn l-attur u Ludwig Borg. Kien Ludwig Borg li kien responsabbli ghall-vettura vis-a-vis l-attur, u 1-appellanti kellu biss rabta ma Borg. Ghalhekk il-kawza li kellha ssir kellha ssir f'forum iehor.

(b) Illi fit-tieni lok huwa rekwizit li jgib in-nullita ta' sentenza li eccezzjoni
ta' kompetenza u gurisdizzjoni jigi deciz formalment b'kap separat fid-
dispossitiv ta' sentenza.

Ghalkemm huwa minnu li *en passant* fir-rakkolta tal-konsiderazzjonijiet
tieghu spjega li qed jichad it-talba tal-kompetenza, ma ntqal xejn fid-
disposittiv tas-sentenza. Dan, bir-rispett kollu, igib in-nullita ta' l-istess.

(c) Fit-tielet lok, l-esponenti jirraviza li ma nzammx mad-dettami tal-
gustizzja naturali fl-ghoti tas-sentenza.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li ma nzammx traskrizzjoni formali tax-xhieda li
nghataw mid-diversi nies li xehdu. Dan huwa partikolarment ta'
pregudizzju ghall-partijiet meta wiehed iqis iz-zmien li

ttiehed sabiex il-kaz jigi deciz.

Inoltre ma jidhirx li T-Tribunal zamm kopja tad-dokumentazzjoni li 1-partijiet kellhom li juru kemm l-ammont tal-hsara li l-vettura ggarbet, u lanqas accetta d-dokumenti li juru li ma kien hemm l-ebda rapport bejn 1-esponenti u l-attur.

Jigi rilevat ukoll li ghalkemm fis-sens jissemmghu x-xhieda biss ta' 1-partijiet u ta' Muscat Motors, fil-fatt kien hemm iktar xhieda indipendenti konsistenti f'Ludwig Borg u tal-persuna responsabbli *ghat-Towing.* It-Tribunal ma ghamel l-ebda riferenza ghax-xhieda tal-persuna responsabbli *tat-Towing.* Dan il-persuna kien xehed li fil-presenza tieghu l-vettura kienet dejjem giet imbuttata bl-idejn u li halliha ghand Muscat motors minghajr ma startjaha. Fir-realta dan ifisser li l-hsara gara minn terzi wara li l-vettura kienet ittiehdet mill-garaxx ta' l-esponenti, u dana ghaliex kienet inharget bl-idejn u mhux mill-esponenti.

Jirrizulta wkoll li *tat-towing* kien inkarigat minn Ludwig Borg, u ghalhekk 1-esponenti jista' jirrispondi biss ghal li gara fil-garaxx tieghu u mhux li setgha gara ghand terzi.

Fl-ahhar nett l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-prova mressqa mill-atturi bhala d-danni li soffrew jindika li l-ispejjez kagunati mill-incident kienu jissuperaw b'hafna l-elf u mitejn euro. Bir-rispett kollu ma huwiex permissibbli lill-attur li jcahhad lill-esponenti mid-dritt t'appell shih billi jillimita t-talba tieghu ghal ammont inqas minn danni reali tieghu.

Ghalhekk l-appellant, filwaqt li jirreferi ghal provi u sottomissjonijiet gja maghmula u li jirriserva li jaghmel dawk is-sottomissjonijiet u jipproduci dawk il-provi kollha lilhu permessi mill-ligi, talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumatur tas-27 ta' April 2012 fl-ismijiet premess u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat appellanti u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur appellat.

Rat ir-risposta tal-apellat Avukat Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-imsemmi appell fejn gie sottomess:-

Illi s-sentenza ghandha tigi kkonfermata u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi fl-ewwel lok jigi osservat li Vincent Micallef kien gie inkarigat mill-appellat izda dan tramite Ludvic Borg u dan kif gie ikkonfermat minn l-istess Ludvic Borg fix-xhieda tieghu.

Illi Ludvic Borg kien mar ghan-nom tal-appellat sabiex tinxtara pompa tad-diesel ghall-magna tal-vettura propjeta tal-appellat li ghal darba darbtejn kienet difettuza. Wara li 1-istess appellant kien forna pompa tad-diesel difettuza, l-appellant kien talab biex huwa stess jew impjegati tieghu jispezzjonaw il-vettura tal-appellat li konsegwenza tal-pompa difettuza kkonsenjata mill-istess appellant, il-vettura tal-appellat baqghet ma tistax tahdem.

Illi l-appellat kien awtorizza lill-Ludvic Borg biex jiehu l-vettura ghand Vincent Micallef li kien ipprometta li se jsib soluzzjoni ghall-hsara li kien hemm.

Ludvic Borg ikkonsenja l-vettura lill-Vincent Micallef u Vincent Micallef jew impjegati tieghu wettqu xoghlijiet fuq il-vettura tal-appellant konsegwenza ta' liema xoghlijiet sehhet il-hsara fuq il-vettura tal-appellant esponent.

Illi wara li sehhet il-hsara f1l-vettura tal-esponent, l-istess Vincent Micallef kien stqarr li 1-bicca xoghol ma kienetx ta' idejh izda li kellha tittiehed ghand l-agent ossija Muscat Motors.

Illi l-vettura ttiehed ghand Muscat Motors b'tow truck li s-sid tat-tow truck xehed fil-proceduri quddiem it-Tribunal u kif twasslet il-vettura ghand Muscat Motors Limited is-servieces Manager ta' Muscat Motors kien ikkomunika ma' l-appellat esponent u gharrfu li l-magna kellha hsarat kbar.

Illi l-istat li fih twasslet il-magna ghand Muscat Motors kien wkoll registrat permezz ta' ritratti li ttiehdu minn persuna inkarigata mill-istess appellant kif wkoll ittiehdu ritratti tal-parts li gew daneggjati fl-istess magna tal-vettura propjeta' tal-appellant.

Illi mill-provi ghalhekk jirrizulta b'mod car li n-negozju li kien hemm negozju dirett bejn l-appellant u l-istess Vincent Micallef. Il-fatt li persuna tibghat lil xi hadd iehor sabiex persuna isiru xoghlijiet ma' jwassalx biex in-negozju isir mal-persuna li tibghat. Dan il-punt gie trattat fit-tul fix-xhieda u jirrizulta li Ludvic Borg kien qieghed jagixxi ghan-nom tal-appellant u mhux f'ismu propju tant illi kull decizjoni li ttiehedet dejjem kienet bl-istruzzjoni tal-appellat partikolarment meta (1) l-vettura ttiehdet ghand l-appellant wara li nstab li ghal darba darbtejn il-pompa mibjugha mill-attur kienet difettuza, kif wkoll (2) wara li l-appellant ittenta jaghmel xogholijiet fil-vettura u ma sabx soluzzjoni, anzi saret hsara kbira fil-vettura, liema hsara l-appellat sar jaf biha wara li l-vettura twasslet ghand Muscat Motors, din l-istess vettura tittiehed ghand Muscat Motors.

Illi jirrizulta mill-provi imressqa mill-attur u cioe' dik tal-rnekkanik Ludwig Borg, tas-services Manager ta' Muscat Motors, kif wkoll tal-persuna li garret il-vettura tat-tow truck irrizulta b'mod car x'kienu r-ragunijiet li wasslu biex il-vettura tissubixxi d-danni.

In rigward l-ammont tad-danni sofferti, jigi osservat li l-allegazzjoni li qed is sir li "1-ispejjez kagunati mill-incident kienu jissuperaw b'hafna l-elf u mitejn euro" hija ghal kollox bla bazi u m'ghandha ebda komfort fil-provi.

Illi l-esponent appellat matul il-kors tal-provi kien ressaq prospett ta' danni a bazi ta' numru ta' items li kellu jixtri biex il-karozza tkun tista' tissewwa.

Illi fl-invoice hemm indikat l-ispejjez mehtieg kemm biex tinbidel il-pompa tad-diesel tal-magna tal-attur, li hija bicca xogholli kellha ssir ghand Muscat Motors peress li l-pompa li kien biegh l-appellant qatt ma hadmet. Apparti l-ispejjez tal-pompa u x-xoghol biex tinbidel kien hemm wkolll-ispejjez tal-parts li kellhom jinbidlu fosthom cam-shaft u parts ohra relatati.

Illi d-danni li ntalbu huma strettament l-ispejjez zejda li l-esponent kellu jinkorri biex tissewwa l-vettura oltre li tinbidel il-pompa tad-diesel li originarjament kienet l-unika problema li kellha din il-vettura.

Illi in rigward dak li intqal rigward is-sentenza li ma saritx skond ma tistabblixxi 1-ligi u dan li l-kwistjoni ta' kompetenza ghandha tigi deciza f'kap separat, jigi osservat li din il-Qorti kif diversament presejduta fis-sentenza fl-ismijiet "Gasan Ins.et vs Valletta Freight 17/3/2003 App Inf.PS" stqarret li "L-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili difatti jiddisponi illi *"l-eccezzjoni ta 'inkompetenza ta' ilegittimita' ta' persuna, u l-eccezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitragg, res judicata, preskrizzjoni jew nullita; ta' atti, ghandhom jigu decizi f'kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu".* Jekk dan ma jsirx tali nuqqas tad-decizjoni dwarha jikkostitwixxi difett ta' forma li tikkoncerna l-ammissibilita' tal-kawza. Ir-rimedju adoperat hu dak li s-sentenza tigi annullata u l-attijiet jigu mill-gdid rinvjati lill-ewwel Qorti. Vide decizjonijiet a Vol XXVII pI p663; Vol XXXV pI plOl; Vol XXXIX pI p502; "Paul Xuereb -vs- Amabile Fiott", Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975).

Issa huwa minnu wkoll illi in forza ta' l-Artikolu 790 tal-Kap 12 eccezzjoni simili, li mhux espressament eccettwata ghan-non-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, ma ghandhiex tigi ntrattenuta jekk l-Appell isib li s-sentenza moghtija b'dak in-nuqqas *"tkun gusta fis-susrtanza taghhd'* CV 01 XVpag.43; Xol XXIX pI pl063; Vol XLVIII pI p693).

Illi l-allegazzjonijiet li d-danni tnaqqsu biex jigi mcahhad xi dritt t'appell hija biss tentattiv biex jinsab bazi ghall-appell. L-artiklu 22(3) jitkellem b'mod car jista' jigi intavolat appell. Illi fdan il-kaz l-appell m'huwiex ammissibbli peress li d-danni li gew likwidata u li ghandhom jithallsu lill-appellat ma jeccedux is-somma ta' €1200 u dan peress li l-ammont dovut huwa ta' €1,000.

Illi l-appellant bl-ebda mod ma ssostanzja l-allegazzjoni li t-Tribunal ma mexiex skond il-principji ta' gustizzja naturali. L-allegazzjonijiet huma frivoli u ntizi biss biex jittentaw joholqu bazi ghal dan l-appell.

Illi t-Tribunal ta lil kull parti kull opportunita' sabiex iressqu l-provi u huwa aktar minn evidenti li dan il-punt qieghed jigi sollevati minghajr ebda bazi fil-ligi.

Ghalhekk, skond l-appellat, is-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant konvenut.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kompilati quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Jannar 2013.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat**

Dan hu appell minn decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumatur li biha l-intimat appellant gie kkundannat ihallas lill-attur appellat danni fl-ammont mitlub mill-istess appellat sofferti

minhabba allegati hsarat f'pompa tad-diesel difettuza mibjugha mill-appellant lill-appellat. L-intimat appellant gie ukoll ikkundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri quddiem it-Tribunal.

L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant hu li t-Tribunal li ddecieda il-kawza ma kienx kompetenti u ma kellux gurisdizzjoni li jittratta u jiddeciedi din il-kawza. F'dan ir-rigward l-appellant isostni li dan il-kaz ma kienx negozju bejn negozjant u konsumatur izda kien negozju bejn zewg negozjanti billi huwa (l-appellant) kien biejgh l-pompa lil Ludwig Borg, il-mechanic imqabbad mill-appellat. Hu ovvju li meta nxtrat il-pompa in kwestjoni fisikament ix-xerrej kien l-imsemmi Borg, pero' dan tal-ahhar kien qed jagixxi f'isem l-appellat u kwindi m'hemmx dubju li l-bejgh sar bejn l-appellant u l-appellat. Ghalhekk il-kompra-vendita' tal-pompa tad-diesel sehhet bejn l-appellant, in-negozjant, u l-appellat, il-konsumatur. Fil-fatti in kwestjoni l-mechanic imqabbad mill-appellat dejjem agixxa ghan-nom tal-istess appellat anke meta huwa rcieva rifuzjoni ta' flus. Konsegwentement dan l-ewwel aggravju tal-appellant jisthoqqlu li jigi rigettat.

Dejjem dwar l-imsemmija eccezzjoni rigwardanti n-nuqqas ta' kompetenza tat-tribunal, l-appellant jissottometti li t-tribunal semma li l-imsemmija eccezjoni kienet qed tigi michuda pero' l-istess tribunal ma nkludix tali decizjoni bhala kap separat fis-sentenza. Skond il-ligi u l-gurisprudenza nostrana kwestjoni ta' kompetenza trid tigi deciza f'kap separat u dana ai termini tal-artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u fin-nuqqas is-sentenza relattiva jkollha difett ta' forma li jirrigwarda l-ammissibilita' tal-kawza u kwindi dik is-sentenza jisthoqqilha li tigi annullata. L-artikolu 790 tal-Kapitolu XII tal-Ligijiet ta' Malta, pero', jipprovdi li fi proceduri quddiem din il-Qorti eccezzjoni bhal din m'ghandhix tigi akkolta jekk is-sentenza in kwestjoni tkun gusta "fis-sustanza taghha." Ghal din il-Qorti m'hemmx dubju li s-sentenza appellata hi gusta fil-konkluzjonijiet taghha, ghar-raunjiet li gia nghataw u anke fuq il-konsiderazzjonijiet ulterjri li ser isiru fil-presenti sentenza. Ghalhekk dan l-aggravju ukoll jimmerita li jigi michud.

Aggravju iehor tal-appellanti hu li t-Tribunal agixxa kontra r-regoli tal-gusitizzja naturali. F'dan ir-rigward, skond l-appellanti, t-Tribunal naqas li jawtorizzah jippresenta dokumenti li jippruvaw li n-negozju in kwestjoni sar biss bejn zewg negozjanti u cioe' bejnu u l-imsemmi mechanic tal-appellat. Mill-atti quddiem it-Tribunal ma jirrizultax li saret tali talba u lanqas ma jirrizulta li kien hemm cahda da parti tal-istess Tribunal. Barra minn hekk il-kwestjoni ta' min kien involut fil-bejgh in kwestjoni tista tirrizulta minn provi ohra u mhux biss minn provi dokumentarji. Dejjem fir-rigward tal-imsemmija kwestjoni dak li rrizulta lit-Tribunal irrizulta ukoll lil din il-Qorti. Il-provi prodotti dwar l-istess kwestjoni kienu aktar minn bizzejjed biex il-Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Fir-rigward tas-sottomissjoni li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, l-appellant jghid li t-Tribunal ma tax kaz ix-xhieda kollha prodotti stante li ma nghatatx ebda importanza, fis-sentenza appellata, lil min kien gie inkarigat mit-"towing." Difatti, jghid l-appellant, l-imsemmi xhud ma jissemmix fis-sentenza. Essenzjalment din hi kwestjoni ta' fatt li din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhix tidhol fiha. Jista jinghad pero' li t-Tribunal wasal ghal konkluzjonijiet tieghu wara li ghamel apprezzament xieraq tal-fatti u jista jkun li t-Tribunal deherlu li ma kellux isemmi lix-xhud in kwestjoni. Konsegwentement dan l-aggravju ukoll ghandu jigi rigettat.

L-appellant isostni ukoll li in effett it-Tribunal ma zammx mat-talbiet attrici.  Hawnhekk l-appellant jirrileva li l-ammont tad-danni sofferti mill-appellat gie mnaqas b'mod li finalment kienu taht il-valur ta' €1,200 u b'hekk huwa gie mcahhad mid-dritt ta' l-appell. Hawnhekk l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 22(3) tal-Kap 378.

Kif gie sewwa sottomess mill-appellat dan l-aggravju tal-appellant mhux ibbazat la fuq provi prodott u lanqas fuq il-fati rizultanti. In effett il-quantum tad-danni li gie likwidat jirrizulta mid-dokumenti li gew presentati.

In vista ta’ dak kollu li gie premess l-appell tal-intimat appellant jimmerita li jigi rigettat kif ukoll ghandha tigi konfermata s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi bili tichad l-appell u tikkonferma “in toto” s-sentenza ta-Tribual tal-Konsumatur tas-27 ta’ April 2012.

Spejjez tal-appell jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------